MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## FRANCO DEPASQUALE

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1473/1994/2

**Edward Tanti**

**Vs**

**Joseph Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tas-7 ta' Novembru 1994 fejn gie premess:

Illi l-konvenut Joseph Zahra, bhala editur tal-gurnal "In-Nazzjon" fil-harga ta' l-istess gurnal tas-Sibt, 5 ta' Novembru 1994, ippubblika "Nota ta' l-Editur" f'pagna 16 wara ittra intestata "Il-Haddiem-Direttur ta' l-Enemalta", li biha ta malafama lill-istanti billi attribwilu fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

Illi fl-imsemmija nota l-konvenut allega li “Edward Tanti, operator f’B Station, ... halla l-apparat wahdu biex mar jigbor il-firem f’A Station”. Din l-akkuza mhijiex vera. L-apparat that ir-responsabilita` ta’ l-istanti ma jistax jithalla wahdu, u kieku l-allegazzjoni kienet vera, l-istanti jista’ jitkecca mix-xoghol tieghu ma’ l-Enemalta;

Bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta), talab ghalhekk l-attur, lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ta malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina f’ammont li ma jeccedix Lm2000 bhala danni u riparazzjoni ta’ l-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjez u imghax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew:

1. Illi l-fatti ppubblikati kienu sostanzjalment veri u l-esponenti kellu jaghmel il-prova tal-verita` taghhom;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-abbli perit legali Dr. Joseph Micallef Stafrace li kien gie nominat minn din il-Qorti fit-22 ta’ Novembru 1996 sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur intavola din il-kawza peress li hassu ingurjat bin-nota ta’ l-Editur li ssegwi ittra intitolata **“Il-Haddiem-Direttur ta’ l-Enemalta”**, liema ittra dehret fil-pagna ta’ l-*Ittri lill-Editur* fil-harga tan-Nazzjon, tas-Sibt, 5 ta’ Novembru 1994. Fost affarijiet ohra din in-nota tghid: *“Barra minn dan, tant is-Sur Joseph Debattista, recorder, qed jaghmel hazin jigbor il-firem waqt ix-xoghol tieghu li l-Management hariglu charge u li dwaru ghamlet rapprezentazzjonijiet il-GWU. L-istess qed taghmel fil-konfront ta’ Edward Tanti, operator f’B Station, li halla l-apparat wahdu biex mar jigbor il-firem f’A Station.”*

Illi l-attur fid-dikjarazzjoni guramentata u fl-affidavit tieghu jinsisti li mhux minnu li huwa halla l-apparat wahdu. Huwa spjega li l-apparat li ghalih irrefera l-konvenut u li jaqa’ taht ir-responsabbilta’ ta’ l-attur huwa *generating station* li jrid jibqa’ immanjat erbgha u ghoxrin siegha kuljum. Ghalkemm huwa mhux operator, kif jirreferi ghalih il-konvenut fin-nota editorjali tieghu, jghid li mhemmx dubbju li r-riferenza hija ghalih ghax huwa l-uniku persuna b’dak l-isem li tahdem fil-B station. Zied jghid li l-artiklu tah malafama billi implikah f’irresponsabbilta` kbira u jidher car li kien intenzjonat biex jaghmillu hsara. *“L-ittra li kien iwiegeb l-editur ma kienet tinvolvini f’xejn u huwa ma kellux ghalfejn isemmini b’dak il-mod”.* Spjega ukoll li l-aggravju jolqot il-professjoni tieghu u l-mezz ta’ l-ghixien tieghu u seta’ kellu riperkussjonijiet serji fuqu. Fil-fatt huwa qal li kien kiteb lic-Chairman tal-Korporazzjoni biex jispjega l-posizzjoni tieghu u baghtlu affidavit fejn innega da li gie attribwit lilu. (Doks A u B, fol 42 u 43);

Illi fl-ahhar seduta quddiem il-perit legali, l-attur qal li huwa ma kienx gie sospiz bhala rizultat tal-kitba u lanqas ma sofra xi tnaqqis fil-pensjoni, issa li huwa irtirat;

Illi Anthony Xuereb, Kap tas-Safety & Welfare fl-Enemalta, imressaq mill-attur, fis-seduta peritali tad-9 ta' Jannar 2001 spjega li l-Control Room, li hija l-qalba tal-generation, tigi fil-B Station. Qal li l-attur dak iz-zmien kien jahdem fil-B station. Muri n-nota editorjali mertu ta' din il-kawza, huwa qal *"Jien ma nafx li Tanti kien halla l-post tax-xoghol u mar jigbor il-firem f'station iehor."*

Illi mitlub jispjega s-serjeta' mehtiega fil-Control Room, qal li meta kollox ikun ghaddej normali, wiehed irid jaghmel logging ta' readings kull siegha apparti li jzomm kollox taht ghajnejh il-hin kollu. *"Hemm timmoniterja l-Power Station kollu."*

Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu qal hekk *"Inghid li l-istorja kif ukoll in-nota li ppubblika n-Nazzjon dehru wara li n-'newsroom' irceviet informazzjoni ta' min joqghod fuqha dwar dak il sehh fid-diversi taqsimiet tal-Korporazzjoni Enemalta wara l-istrajk li ghamlet il-GWU kontra l-introduzzjoni tal-VAT. L-informazzjoni kienet ikkonfermata u ccekjata u n-nota ta' l-editur dehret wara li kienu mghoddija lil In-Nazzjon fatti godda li sehhew fl-1 ta' Novembru 1994 u wara."* Fix-xhieda tieghu ta' l-14 ta' Frar 1996 ikkonferma li huwa kien l-editur tal-harga in kwistjoni. Xehed *"Jiena ppubblkajt in-nota bil-kontenut kif inhu wara li ghadd ta' persuni li jahdmu fil-Power Station u li jaghtu affidament accertawni li dik l-informazzjoni kienet korretta."* Kontro-ezaminat qal li lill-attur ma jafux u qal ukoll li ma sar ebda kuntatt ma' l-attur biex tigi verifikata l-istorja u lanqas mad-dirigenti u l-PRO ta' l-Enemalta. Mistoqsi biex jghid min kienu dawk l-impjegati li kienu s-sorsi ta' l-istorja fejn din tirrigwarda specifikament lill-attur, il-konvenut qal li ma jistax jizvela l-identita taghhom;

Illi Spiro Camilleri, imsejjah mill-konvenut, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2001 xehed li huwa kien Technical Officer III ma' l-Enemalta. Qal li l-ghada li ingabru l-firem kien qed jitkellem ma' Anthony Xuereb dwar min kien dahal u ma

dahalx ghax-xoghol. *"Fost kliem iehor qalli li Tanti, cio'e l-attur, ma kienx fuq ix-xoghol izda kien l-A Station."* Pero qal li huwa di scientia propria ma jafx jekk l-attur effettivament kienx fl-A station minflok fil-B station meta ingabru l-firem. Muri t-transcript tax-xhieda ta' Camilleri, Anthony Xuereb innega li kien sar diskors f'dan is-sens. *"Nichad dak li xehed Spiro Camilleri fir-rigward tieghi.";*

Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali li huwa malfamanti ghall-ahhar li takkuza impjegat pubbliku bid-*dereliction of duty* ta' xi haga hekk sensittiva bhalma hi il-*generation*. Il-perit legali spjega li l-eccezzjoni imqajma mill-konvenut hija bazata fuq art 12 tal-Kap 248 u biex difiza simili tirnexxi, ir-rizultat ma jkunx li l-artiklu ma jibqax malfamanti: ir-rizultat ikun li min jimmalafama jigi mehlus mill-piena ghax dik il-malafama tkun ibbenefikat l-interess pubbiku u ma jkunx kaz ta' semplici denigarazzjoni ta' persuna bhala skop fih innifsu;

Illi fil-kaz in kwistjoni oltre dak li ser jinghad fl-ahhar ta' din is-sentenza, l-aktar dwar il-kredibilita`, il-fatti allegati ma gewx pruvati u ghalhekk l-eccezzjoni ma tistax titqies li irnexxiet;

Il-perit legali ghamel riferenza ukoll ghal sentenza ricenti, **Dr. Gianella Caruana Curran vs Noel Grima bhala editur tal-gurnal The Malta Independent u Daphne Caruana Galizia** (03.10.2001) fejn kienet saret riferenza ghall-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u jinghad li d-dritt ghal-liberta ta' esprezzjoni hu, *inter alia* suggett ghall-protezzjoni tar-riputazzjoni ta' haddiehor;

Illi l-perit legali spjega li sew il-Konvenzjoni kif ukoll il-Kostituzzjoni ta' Malta, fil-kamp tal-libertajiet ifittxu li jirrikonciljaw id-drittijiet. L-attur ghandu dritt ghal reputazzjoni tajba izda huwa soggett li ma ssirx xi haga impropja li fl-interess pubbiku hu sew li jigi zvelat. Fil-kaz in kwistjoni xejn impropju minn dak allegat fl-artiklu ma gie pruvat u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha;

Illi b'dan kollu il-Qorti ma setghatx ma tinnotax li kemm il-konvenut kif ukoll ix-xhud Anthony Xuereb kienu qed jikkontestaw l-elezzjoni ghal direttur u t-Technical Officer Spiru Camilleri qal li meta, l-ghada stess, kellem lil Anthony Xuereb, dan "*qalli li Tanti, cioe` l-attur, ma kienx fuq ix-xoghol izda kien l-A Station*". Il-konvenut possibilment kellu l-istess informazzjoni bhal dik li Xuereb ta lil Spiru Camilleri;

Illi l-kredibilita` ta' Xuereb ma tantx hija shiha; dan jidher car meta huwa stqarr li: "*Nibda biex nghid li naf li kien hemm gurnata strike dwar il-VAT izda li kienu ingabru firem, ma nafx.*" Din l-ahhar stqarrija ma tidhirx attendibbli, meta wiehed jirrealizza li dawn il-firem kienu proprju jirreferu ghalih stess u: "*kienu qed jingabru firem biex id-direttur haddiem ta' l-Enemalta, Tony Xuereb, jitnehha*";

Illi jrid jigi wkoll rilveat li l-attur stess ghalkemm cahad in-nuqqas attribwit lilu ma ressaq ebda spjegazzjoni dwar jekk il-firem gabarhomx hu jew le, jew dwar meta dawn ingabru;

Illi dan qed jigi osservat ghal fini ta' l-ammont ta' danni, ghalkemm kif inghad, il-konvenut ma rrnexxilux jissodisfa r-rekwiziti mehtiega b'mod li jipprova l-kontenut minnu pubblikat.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba u tiddkjara li l-konvenut ta malafama lill-attur bl-istampat in kwistjoni;

Tilqa' t-Tieni Talba u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni in kwistjoni;

L-ispejjez u l-imghax legali jithallsu mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------